



C/2025/5210

6.10.2025

Appell ippreżentat fil-21 ta' Awwissu 2025 mir-Renju ta' Spanja mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla Estiża) fil-11 ta' Ġunju 2025 fil-Kawża T-681/22, Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-562/25 P)

(C/2025/5210)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellant: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: M. J. Ruiz Sánchez, aġent)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-Renju ta' Spanja jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tilqa l-appell kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Ġunju 2025 fil-Kawża T-681/22 Spanja vs Il-Kummissjoni.
- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1614 ⁽¹⁾ tal-15 ta' Settembru 2022 li jiddetermina ż-żoni eżistenti tas-sajd fil-baħar fond u l-istabbiliment ta' lista taż-żoni fejn huwa magħruf li jinsabu jew li x'aktarx ikun hemm ekosistemi vulnerabbli tal-baħar, sa fejn jirrigwarda t-tfassil tal-lista taż-żoni fejn huwa magħruf li jinsabu jew li x'aktarx ikun hemm ekosistemi vulnerabbli tal-baħar, prevista fl-Artikolu 2 u fl-Anness II tiegħu, u, inċidentalment u sussidjarjament, tiddikjara, skont l-Artikolu 277 TFUE, li l-Artikolu 9(6) u (9) tar-Regolament 2016/2336 ⁽²⁾ huwa invalidu.
- Sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tagħti sentenza ġdida.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-ewwel aggravju: Żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tar-Regolament bażiku (ir-Regolament 2016/2336) u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-impatt tal-irkapti passivi.

1. Żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tar-Regolament bażiku u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-kunċett ta' ekosistemi vulnerabbli tal-baħar u tal-istandard tal-impatt negattiv kbir.
2. Żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tar-Regolament bażiku u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-marġni ta' evalwazzjoni mogħti lill-Kummissjoni u tal-istħarriġ tal-eżerċizzju ta' dan il-marġni, u żnaturament tal-provi.

It-tieni aggravju: Żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tar-Regolament bażiku u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-metodu ta' determinazzjoni taż-żoni.

It-tielet aggravju: Żball ta' liġi fl-applikazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

⁽¹⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1614 tal-15 ta' Settembru 2022 li jiddetermina ż-żoni eżistenti tas-sajd fil-baħar fond u l-istabbiliment ta' lista taż-żoni fejn huwa magħruf li jinsabu jew li x'aktarx ikun hemm ekosistemi vulnerabbli tal-baħar, ĠU 2022, L 242, p. 1.

⁽²⁾ Regolament (UE) 2016/2336 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi kondizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002, ĠU 2016, L 354, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2023, L 39, p. 63.